# 61. Ġrajja ta’ Mħabba

Il-Kavallier kien miexi filgħaxija,
u lemaħ Dama bajda bħax-xammiem,
u ħabbha, u fuq is-sur, qalb dik id-dija,
bagħtilha żewġ bewsiet ma’ par ħamiem.

U wasal jum it-tieġ; oh! xi sbuħija!
il-qniepen tal-Kastell daqqew bla tmiem;
ir-raħħalin raddmuhom taħt tagħbija
ta’ żah’r u ward tal-lewż, xtaqulhom sliem.

Iżda wara erba’ snin mietet id-Dama,
u l-Kavallier telaq minn xatt għal xatt,
wara li ’l martu difen taħt l-irħama.

U iżjed ma raha qatt, b’dik it-tifsira
kiefra u qalila ’l hemm fil-kelma “qatt”;
id-Dama u l-Kastell saru tifkira.